# Linji gwida għall-prevenzjoni ta' tixrid tal-imxija tal-Covid-19 waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina, il-Griżma tal-Isqof u ż-Żwiġijiet

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Biex titħares is-saħħa ta' dawk li jkunu ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina jew il-Griżma tal-Isqof, u ta' dawk li jkunu qed jattendu għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, bla preġudizzju għal kwalunkwe miżuri mitluba mill-Awtoritajiet tal-Istat, u li jkun fis-seħħ minn żmien għal żmien, l-Isqfijiet qed jaġġornaw dawn id-direttivi.

## 2. DEFINIZZJONIJIET

2.1 Distanza ta' sigurtà (social distancing): id-distanza li għandha tinżamm bejn persuna u oħra kif stabbilit mill-awtoritajiet tas-saħħa. Din id-distanza hija ta' żewġ metri. Din ma tgħoddx għall-persuni li jgħixu fl-istess dar.

## 3. APPLIKABILITÀ

3.1 Dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ mid-19 ta' Awwissu 2020 u jibqgħu jgħoddu sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Awtoritajiet tal-Knisja.

3.2 Dawn il-miżuri jistgħu jiġu riveduti u tibdil jidħol fis-seħħ minnufih mingħajr avviż minn qabel.

3.3 Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, il-miżuri f'dokumenti oħra jgħoddu wkoll għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

## 4. PREPARAZZJONI U AMMINISTRAZZJONI TAS-SAGRAMENTI

4.1 Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet għandhom isiru bid-devozzjoni meħtieġa imma mhux b'tul żejjed.

4.2 Minħabba l-possibbiltà li wara Settembru jerġa' jkun hemm mill-ġdid il-bżonn ta' restrizzjonijiet minħabba l-pandemija, hi x-xewqa ta' Mons. Arċisqof li dis-sena (2020), l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof ikunu ċelebrati fix-xhur tas-sajf. Id-dati għandhom jintagħżlu mill-parroċċa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

4.3 Tkun ħaġa sabiħa li l-parroċċi jsibu mod kreattivi (pereżempju permezz ta' riżorsi virtwali) kif jistgħu jagħmlu l-aħħar tħejjija (katekeżi) għas-sagrament filwaqt li jirrispettaw il-bżonnijiet ta' dawn iċ-ċirkustanzi ta' pandemija.

4.4 Dawk il-ġenituri li jħossu li wliedhom mhumiex preparati biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina jew s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof, jew li mhux komdi jattendu għaċ-ċelebrazzjoni f'dawn iċ-ċirkustanzi, jistgħu jagħżlu li wliedhom jirċievu s-sagrament is-sena d-dieħla flimkien mal-kandidati ta' dik is-sena, jew f'xi parroċċa oħra jew skont arranġament li jkun sar mal-arċipriet/kappillan.

## 5. ILBIES

5.1 Hu suġġerit dejjem li l-ilbies ikun sempliċi u dinjituż. Minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti, kemm rigward iż-żmien ta' preparazzjoni kif ukoll sitwazzjonijiet finanzjarji, mhux bilfors ikun ilbies li tradizzjonalment jintuża f'dawn is-sagramenti.

5.2 L-ilbies tal-koppja, tax-xhieda, tal-kandidati għas-sagramenti, qraba, parrini u dawk kollha preżenti, għandu jkun dejjem diċenti.

5.3 Kull min jidħol fil-knisja għandu jkun liebes maskra/visor.

5.4 Dawk li jkunu fil-cluster seat mal-kandidat għas-sagrament jistgħu jinżgħu l-maskra/visor waqt li jkunu qegħdin fil-post tagħhom u għandhom jerġgħu jilbsuha meta jiċċaqalqu minn posthom bl-eċċezzjoni tal-kandidat għall-Griżma u l-parrina/u waqt li jkunu telgħin għar-rit tad-dilka biż-żejt.

5.5 F'każ taż-żwieġ, l-għarajjes, ix-xhieda, il-bride's maids, il-ġenituri tal-għarajjes u dawk li jgħixu fl'istess dar mal-ġenituri tal-għarajjes huma eżentati mill-użu mandatorju tal-maskra jew visor.

5.6 Il-membri l-oħra tal-kongregazzjoni jistgħu jinżgħu l-maskra/visor biex jieħdu xi ritratt mal-kandidat qabel jew wara ċ-ċelebrazzjoni skont kif indikat mill-organizzaturi. Wara li jittieħed ir-ritratt, il-maskra/visor għandhom jerġgħu jintlibsu sakemm ikunu għadhom fil-post taċ-ċelebrazzjoni.

## 6. POSTIJIET

6.1 Il-postijiet fil-knisja għandhom jitqassmu skont il-kriterji stipulati għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u li jkunu fis-seħħ fil-mument. Tkun ħaġa tajba, li fin-nuqqas ta' maskri, id-distanza bejn cluster u ieħor tiżdied.

6.2 Il-kandidati għall-Ewwel Tqarbina, għandhom joqogħodu f'cluster seats riservati għalihom flimkien mal-ġenituri tagħhom u ħuthom. Meta ċ-ċirkustanzi partikolari

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

ta’ familja ma tkunx tista’ tippermetti dan, il-każ għandu jiġi diskuss individwalment.

6.3 Fil-każ tal-Griżma, il-kandidat għandu joqgħod fi cluster seat flimkien mal-parrinu/a. Il-ġenituri jkollhom arranġament ieħor fejn joqogħdu skont id-drawwa tal-post u l-bżonnijiet partikolari taċ-ċelebrazzjoni li qed issir f’dan iż-żmien.

6.4 Mhux permess li membri tal-familja jew membri oħra tal-ġemgħa joħorġu minn posthom, speċjalment biex jieħdu ritratti jew filmati.

## 7. IR-RIT TAD-DILKA WAQT IL-GRIŻMA TAL-ISQOF

7.1 Biex jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof, għandu jitħejja numru ta’ tajjar biżżejjed, biż-żejt tal-Ġriżma. Iċ-ċelebrant ma jmissx moħħ il-kandidat b’subajgħ, imma permezz ta’ tajjara. Għandha tintuża tajjara għal kull persuna. Wara l-quddiesa, dan it-tajjar għandu jinħaraq u m’għandux jittieħed mill-kandidati jew minn membri oħra tal-kongregazzjoni.

7.2 L-għotja tal-paċi waqt ir-rit tal-Griżma għandha tingħata billi jsir id-djalogu, mingħajr ma wieħed jieħu b’idejn xulxin.

7.3 Qabel jibda r-rit tad-dilka taż-żejt u malli jispiċċa, iċ-ċelebrant għandu jaħsel idejh bis-sanitiser. Għandu wkoll jaħsel idu bis-sanitiser kemm-il darba, inċidentalment, imiss lill-kandidat jew persuni oħra waqt ir-rit tad-dilka.

7.4 Il-parrini jistgħu jpoġġu idhom fuq l-ispalla tal-kandidati meta r-rit jitlob hekk.

7.5 Is-saċerdot ma għandux ikollu kuntatt fiżiku mal-kandidati jew mal-parrini waqt l-ebda mument taċ-ċelebrazzjoni.

7.6 Waqt dan ir-rit, għandu jkun hemm l-inqas ammont ta’ nies possibbli ħdejn iċ-ċelebrant.

7.7 Għandu jkun hemm marki biex jindikaw fejn il-kandidat u l-parrinu/a għandhom jieqfu waqt li qegħdin jistennew biex jirċievu dan is-Sagrament. F’dan il-mument għandha tiġi rispettata d-distanza tas-sigurtà.

## 8. TQARBIN

8.1 It-tqarbin għandu jsir fil-post biex tiġi evitata l-purċissjoni tat-tqarbin skont id-direttivi mogħtija rigward iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

8.2 Fil-każ tal-Ewwel Tqarbina, is-saċerdot iqarben lill-kandidati biss. Wara, saċerdot ieħor jew ministru tat-tqarbin iqarben lill-kumplament tal-familja u persuni oħra preżenti. Is-saċerdot li jkun qed iqarben lil dawn il-kandidati ma għandux għalfejn ikun liebes visor/maskra waqt li jkun qed iqarben lilhom. Wara li jlesti jqarben lill-kandidati, is-saċerdot jista' jkompli jqarben membri oħra tal-kongregazzjoni.

8.3 Fil-każ tal-Ġriżma tal-Isqof, is-saċerdot iqarben kemm lill-kandidati kif ukoll lill-parrini. Is-saċerdot li jkun qed iqarben lil dawk li jkunu għamlu l-griżma u l-parrini, ma għandux għalfejn ikun liebes visor/maskra waqt li jkun qed iqarbinhom. Wara li jlesti jqarben lill-kandidati, is-saċerdot jista' jkompli jqarben membri oħra tal-kongregazzjoni.

8.4 Fil-każ taż-żwieġ, mhux permess li l għarajjes jixorbu mill-kalċi.

## 9. TIFKIRIET

9.1 Hu permess li jkun hemm fotografi u vidjografi professjonali jagħtu s-servizz tagħhom. Dawn għandhom ikunu dawk uffiċjali tal-parroċċa mqabbda għal din l-okkażjoni. Dawn għandhom ukoll iżommu d-distanza ta' sigurtà mitluba.

9.2 Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, għandu jiġi evitat li jittieħdu ritratti tal-grupp tat-tfal. Madankollu, il-ġenituri tat-tfal jistgħu jiddeċiedu li t-tfal jieħdu ritratti ma' min jixtiequ huma, mingħajr il-ħtieġa għal dak il-mument li tinżamm distanza soċjali.

9.3 Filwaqt li jistgħu jingħataw ċertifikati, dan hu suġġerit li jsir aktar 'il quddiem u mhux waqt iċ-ċelebrazzjoni. Dawn it-tifkiriet ma għandhomx jiġru minn id għall-oħra bla bżonn.

9.4 Fl-ebda ħin taċ-ċelebrazzjoni, is-saċerdot jew persuni ma għandhom jieħdu b'idejn persuni oħra.

## 10. TINDIF

10.1 Wara kull waħda minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet il-knisja għandha tiġi diżinfettata skond il-miżuri stipulati fid-*Direttivi rigward miżuri ta' prevenzjoni ta' tixrid tal-imxija tal-covid-19 waqt quddies bil-preżenza tal-pubbliku.*

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**